**QORTI CIVILI PRIM'AWLA**
**ONOR IMHALLEF ANNA FELICE**

**Illum 21 ta' Frar, 2019**

**Rikors Nru: 984/2018 AF**

Fl-Atti tal-Mandat ta' Sekwestru Nru. 269/2014

**V and C Contractors Limited (C-13748)**

**vs**

**Tlata Limited (C-16319)**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ta' Tlata Limited li permezz tieghu, ghar-ragunijiet fih imfissra, din il-Qorti ntalbet biex tirrevoka dan il-mandat ta' sekwestru minhabba l-fatt li hemm bizzejjed flus depozitati l-Qorti li qeghdin jaghmlu tajjeb ghas-sentenza.

Rat id-dokument annessi.

Rat ir-risposta ta' V and C Contractors Limited li permezz taghha, ghar-ragunijiet fiha mfissra din sostniet li t-talba ta' Tlata m'ghandhiex tintlaqa'.

Rat id-dokumenti annessi.

Semghet lid-difensuri jittrattaw ir-rikors li thalla ghal digriet in camera.

Ikkunsidrat illi Tlata Limited qed issejjes it-talba taghha fuq l-Art. 836(1)(c) li jipprovdi ghat-thassir ta' mandat kawtelatorju meta jirrizulta:

> *"….*
>
> *Li jkun hemm garanzija xierqa oħra sabiex tissodisfa l-pretensjoni ta' min ikun talab il-ħruġ tal-att kawtelatorju sew bil-ħruġ ta' att kawtelatorju ieħor, jew inkella jekk dik il-garanzija oħra tista' għas-sodisfazzjon tal-qorti tassigura biżżejjed il-pretensjoni."*

Fil-kaz in ezami jirrizulta li Tlata Limited ddepozitat l-ammont dovut skond is-sentenza wara li gew imnaqqsa xi spejjez dovuti bil-kundizzjoni li tinhareg lilha ricevuta tal-VAT (ara Dok. VC1).

Din il-Qorti tqis li b'hekk ma jistax jinghad li sar depozitu effettiv. Ma jidhirx li Tlata ghandha jedd timponi din il-klawsola peress illi l-obbligu ta' V and C Contractors f'dan in-negozju kien infatti li din tohrog "*tax invoice*" a tenur tal-Art. 2(1)(a) tat-Tnax-il Skeda tal-Att dwar it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud. Il-Qorti tirreferi fil-kuntest ghas-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Magistrat Marse-Ann Farrugia fil-kawza 156/2014 Zammit vs Caruana deciza fl-14 ta' Novembru 2018). Dan l-obbligu V and C Contractors issodisfatu fil-perjodu opportun (ara Dok. VC 2). Il-kundizzjoni issa mposta mad-depozitu tirrendi l-istess ineffettiv bhala garanzija kif qed tippretendi Tlata Limited.

Ghaldaqstant, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tichad it-talba ghat-thassir tal-mandat ta' sekwestru 269/14.

L-ispejjez jithallsu minn Tlata Limited.

IMHALLEF